MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Numru 361/2002

Il-Pulizija
(Sp Yvette Farrugia)
vs
Karmenu Cutajar, iben Carmel,
imwieled Zurrieq fil-11 ta' awissu,
1957
u
Mario Cutajar, iben Carmel, imwieled Zurrieq fil-5 ta'
settembru, 1955

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli f'Ħal-Luqa, fis-27 ta' marzu, 2002, f'xi ħin bejn is-sebgħa u it-tmienja ta' fil-għodu –
1. volontarjament ikkaġunaw offiżi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Vincent Barun skond kif iċċertifika t-Tabib Dr. Andrew Cassar M.D. ta' l-isptar San Luqa;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament kisru l-paċi pubblika u
il-bon ordni b'għajjat u ġlied;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi nsulentaw jew heddew lil Vincent Barun;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew dagħa.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fil-ġranet qabel is-27 ta' marzu, 2002 l-imputati u Vincent Barun kienu qegħdin jaħdmu fl-istess post. L-imputati kienu qegħdin jibnu fond fil-waqt li Vincent Barun kien qed jaħdem bil-jack hammer fl-istess post. Ġara li l-imputati ħasbu li Vincent Barun ħa d-diesel tagħhom u għalhekk kellmu lill-kuntrattur li kien iħaddem lil Vincent Barun biex ma jkomplix jaħdem hemmhekk. Vincent Barun sar jaf b'dan id-diskors.

Illi l-ġurnata meta Vincent Barun sar jaf b'dan id-diskors kien is-27 ta' marzu, 2002. Għalhekk, dak in-nhar fil-għodu għal ħabta tas-7.30 a.m. tela fir-raba' sular fejn kienu qed jaħdmu l-imputati flimkien ma Carmel Cutajar, iben l-imputat Karmenu Cutajar.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Vincent Barun beda jgħajjat li hu ma kien ħa ebda diesel għaliex ma kellhux għalfejn billi l-imgħallem tiegħu kien itih kemm kien ikollu bżonn. Hu resaq lejn Karmenu Cutajar li min naħa tiegħu kien pront u tah daqqa ta' invell ta' l-aluminium fuq idejh. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-imputat Karmenu Cutajar.

Illi konsegwenza ta' din id-daqqa jirrizulta li Vincent Barun sofra ksur f'idu
x-xelluqija li damet aktar minn sitt ġimgħat biex tfiq.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat Mario Cutajar kellhu x'jaqsam ma dan l-inċident.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm provi dwar it-tieni, it-tielet u ir-raba' akkuża miġjuba kontra l-imputat Karmenu Cutajar.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat Mario Cutajar ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi. Ma ssibx lill-imputat Karmenu Cutajar ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikolu 216(d) tal-Kodiċi Kriminali. Rat li mhemmx lok għal piena karċerarja u għalhekk tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' erba' mitt liri maltin (Lm400).

--------------------------------TMIEM--------------------------------